Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 55/2005

**Patrick Cutajar (appellant)**

**vs**

**Mario Vella (appellat)**

16 ta' Dicembru, 2016.

1. L-attur appella mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-23 ta' April 2015, li biha giet michuda t-talba tal-attur ghall-hlas ta' €6,871.65 somma flus li tirraprezenta hamsa u ghoxrin (25) pagament ta' Lm118 kull wiehed u li jsostni li hallas bi zball lil HSBC Bank Malta plc bejn l-1 ta' Dicembru 2001 u l-1 ta' Dicembru 2003 fir-rigward tal-*loan account* numru 688006139 li jsostni li hallas bi zball ghall-konvenut.

2. L-aggravju tal-attur hu li ma jaqbilx mal-apprezzament tal-fatti u ligi tal-ewwel qorti.

3. Il-konvenut wiegeb li m'hemmx raguni valida ghalfejn is-sentenza tal-ewwel qorti ghandha tigi revokata.

4. L-azzjoni li ppropona l-attur hi dik ta' *indebiti solutio*.

5. Il-kontendenti kienu shab f'kumpanniji, fosthom Target Trading Limited. Permezz ta' skrittura tat-22 ta' Novembru, 2011 (fol. 19) il-kontendenti ftehemu, fost'affarijiet ohra, li:

   *"Both parties hereby bind themselves to liquidate Target Trading Limited as soon as possible. PC shall take over or be responsible for any guarantees which may be due to banks until or after the company is liquidated".*

   Bis-sahha ta' dak il-ftehim gie pattwit li l-avvjament li kellha l-kumpannija Target Trading Limited kien qieghed jigi akkwistat mill-attur, u fir-rigward ta' liema kellu jhallas is-somma ta' Lm10,000 lill-konvenut.

   Fid-data li gie ffirmat dak il-ftehim kien hemm dejn li kull wiehed mill-kontendenti kellu mal-Mid Med Bank plc. Jirrizulta li kull wiehed minnhom kien ha self minghand il-bank ta' Lm9,000, flus li ghaddew lil Target Trading Limited bhala self biex taghmel tajjeb ghal dejn li kellha mal-bank. L-istess

kumpannija kienet qeghda thallas lura dan is-self permezz ta' pagamenti mensili ta' Lm118, permezz ta' depoziti li kienu jsiru fil-*loan accounts* li l-kontendenti kellhom mal-imsemmi bank. Wara l-ftehim tat-22 ta' Novembru, 2001 l-attur beda jaghmel il-hlasijiet fil-kont tal-konvenut. Dan baqa' jsir sal-1 ta' Dicembru, 2003. L-attur isostni li l-hlas kellu jibqa' jsir minn Target Trading Limited filwaqt li hu kellu jassumi d-dejn li l-kumpannija kellha mal-bank. F'dan ir-rigward Dr Antoine Naudi, difensur tal-attur, xehed (fol. 22):

*"Fl-2001 kien sar ftehim bejniethom illi rigward id-dejn tat-Target Trading, li kellha mal-Bank, kellu jigi assunt minn Patrick Cutajar. Allura, gara illi Patrick Cutajar baqa' jhallas lil Mario Vella l-ammonti ta' mija u tmintax-il lira Maltin (Lm118). Mentri fil-fatt kienet il-kumpannija illi kellha thallas lura l-flus u mhux hu, u kien ghalhekk li kien hemm din id-diskrepanza bejn l-istatement tat-Target Trading u l-ammont li kien qed jitlob il-konvenut".*

Din hi ovvjament l-interpretazzjoni tax-xhud ta' dak li fil-fehma tieghu qieghed jikkontempla l-kuntratt li ffirmaw il-kontendenti. Interpretazzjoni li hi bazata fuq klawzola fil-kuntratt li tghid:

*"Both parties hereby bind themselves to liquidate Target Trading Limited as soon as possible. **PC shall take over or be responsible for any guarantees which may be due to banks until or after the company is liquidated**".*

L-ewwel qorti kkonkludiet (fol. 10 tas-sentenza):

*"Il-Bank ried li l-hlas ta' l-ammont ta' Lm18,000 mill-overdraft tas-socjetà Target Trading Limited jigi garantit billi jigi konvertit f'zewg personal loans fuq l-attur u l-konvenut ghall-valur ta' Lm9,000 kull wiehed. B'dan il-mod dan l-ammont inqata' mill-overdraft u l-hlas tieghu gie stabbilit u regolat b'dawn iz-zewg personal loans li kienu jghajtu lill-partijiet kontendenti f'isimhom personali. Peress illi l-partijiet kontendenti riedu li dawn il-loans jithallsu mill-operat tas-socjetà Target Trading Limited, essendo finalment dejn tas-socjetà u l-intervent taghhom kien ghall-garanzija tal-hlas, fil-kotba taghha tnizzlu bhala shareholders loans ta' Lm9,000 il-wiehed koncessi lilha minnhom. Bhala fatt il-pagamenti ta' Lm118 fix-xahar ghall-kull wiehed mill-personal loans baqghu jithallsu mill-operat tas-socjetà Target Trading Limited u jirrizulta li l-hlasijiet favur il-konvenut kienu qed isiru direttament fil-loan account tieghu mal-Bank. Peress illi l-konvenut u del resto anke l-attur, bil-personal loans ta' Lm9,000 il-wiehed li hadu minghand il-Bank kienu essenzjalment u in verità qed jaghmlu tajjeb ghad-dejn tas-socjetà Target Trading Limited ma' l-istess Bank, il-Qorti ttenni li fil-fehma taghha dawn iz-zewg loans kienu necessarjament inkluzi fil-ftehim bejn il-partijiet kontendenti tat-22 ta' Novembru 2001 u b'mod partikolari fl-obbligu assunt mill-attur li PC shall take over or be responsible for any guarantees which may be due to banks until or after the company is liquidated".*

Hu minnu li mad-daqqa t'ghajn dik il-klawzola ma tidhirx li qeghda tikkontempla sitwazzjoni ta' novazzjoni *ex parte debitoris*, fis-sens li tpogga debitur gdid (l-attur) ghal dak qadim (Target Trading Limited). Fil-kuntratt ma jinghadx li l-attur ser ihallas id-dejn kollu li kellha Target Trading Limited u lanqas ma jinghad li ser ihallas id-dejn li l-attur ghandu mal-bank. Dak li jissemma b'riferenza ghal Target Trading Limited, huma garanziji favur il-bank. L-istess kliem li jinghad fir-rigward tal-kumpannija MVPC Holdings

Limited. Fl-ebda parti tal-kuntratt ma jissemma d-dejn li l-konvenut ghandu mal-Mid Med Bank plc. Hu fatt ukoll li skond l-Artikolu 1009 tal-Kodici Civili:

*"Fid-dubju, il-konvenzjoni tigi mfissra* ***kontra dak li favur tieghu saret l-obbligazzjoni*** *u favur dak illi ntrabat bl-obbligazzjoni"*.

Sahansitra, il-konvenut stess xehed:

*"Naghmel riferenza ghal ftehim illi sar bejni u bejn Patrick Cutajar fit-22 ta' Novembru 2001 li kopja tieghu jinsab a fol. 19 tal-process. Skond dan il-ftehim jiena kelli niehu hsieb id-dejn kollu tas-socjeta' Video Art Limited,* ***mentri Cutajar kellu jiehu hsieb id-dejn tas-socjeta' Target Trading Limited. Dana vis-à-vis il-bank****"* (fol. 48).

Kliem li jaghti lill-qorti x'tifhem li x-xhud qed jirreferi ghad-dejn li l-kumpannija kellha mal-bank u mhux xi dejn iehor. Pero' min-naha l-ohra l-kuntratt lanqas ma jipprovdi li d-dejn li kellha Target Trading Limited fil-konfront tal-kontendenti, gie mahfur.

6. Wara li l-qorti qrat l-atti, tosserva:

    i. L-attur ma ressaqx provi dwar id-dejn li Target Trading Limited seta' kellha mal-bank fit-22 ta' Novembru, 2001 u x'garanziji seta' kien hemm. Lanqas ma ressaq provi tal-hlasijiet li setat ghamlet il-kumpannija lill-bank ghad-dejn li kien f'isimha, wara dakinhar. Madankollu jidher li meta gie ffirmat il-kuntratt, Target Trading Limited kellha dejn mal-bank.

    ii. L-attur xehed li bil-ftehim li ghamel mal-konvenut, Target Trading Limited kellu jehodha hu:

    *"Dr Chris Cilia: Il-ftehim kien li ser tehodhom inti l-MVPC u t-Target Trading naqblu?*

    *Ix-xhud: Iva naqbel li hadthom jiena iva"* (fol. 229).

    L-attur qal ukoll:

    *"Ahna imbaghad wara ddecidejna li ma nibqghux noperaw flimkien, sar arrangament bejnietna illi naghlqu kollox u jmur kollox in liquidation,* ***jiena niehu Target Trading Limited u dak li ghandu x'jaqsam mal-overdraft etc. etc*** *u Mario jiehu n-naha ta' Video Art u jkompli jaghlaq in-naha tal-Video Art. F'dan l-arrangament kien hemm ukoll Lm10,000 li jiena hallast ghall-goodwill ta' Target Trading."* (fol. 228).

    Minn kliem l-attur stess jidher li gialadarba ha f'idejh il-kumpannija Target Trading Limited, kellu jiehu hsieb li thallas id-dejn li kellha fuq il-kotba. Tant hu hekk li hu stess xehed, *"Jiena bqajt inhallas l-ammont*

*li kien hemm fil-kotba ta' Target Trading"*. Jekk il-kumpannija ghaddiet ghand l-attur, hu ovvju li kien responsabbli li jiehu hsieb li l-kumpannija tkompla thallas id-dejn li kellha. Fil-fatt hu stess ikkonferma li, *"Jiena hadt il-karti kollha ta' Target Trading, nerga' nghid li bqajt nonora dak kollu li kellha sakemm il-kont ta' Target Trading gie zero"*. F'dan ix-xenarju ma jistax ikun li l-pagamenti li saru, kienu saru bi zball.

iii. Mhuwiex kontestat li s-self li kull wiehed mill-kontendenti ha minghand il-bank ghas-somma ta' Lm9,000 kienu flus li nghataw lil Target Trading Limited biex thallas dejn li kellha. Fil-fatt f'ittra tat-13 ta' April 1999 (fol. 199) jinghad li l-iskop tas-self ta' Lm9000 li l-konvenut ried jiehu minghand Mid-Med Bank plc, kien, ***"Originally as payment to Target Trading Co. Ltd"***. Jirrizulta li dawn il-flus inghataw mill-bank fl-1 ta' Settembru 1998 (ara rendikont tal-*Loan Account* tal-konvenut, datat 27 ta' Awissu 1999 a fol. 45 tal-avviz tat-talba 2103/2004 fl-ismijiet inversi). Fil-fatt fl-*abridged financial statements* ta' Target Trading Limited jinghad li fis-sena 1998 is-*shareholder loans* kienu Lm18,000 (fol. 58), li l-qorti fehemet li jirraprezenta s-self ta' Lm9,000 li kull wiehed mill-kontendenti ha minghand Mid-Med Bank plc u li sellef lill-kumpannija.

iv. Hu evidenti li kien l-avukat tal-attur li tah il-parir li l-hlas tad-dejn li l-konvenut kellu ma' Mid-Med Bank plc, ma kienx dovut minnu. Tant hu hekk li waqt il-kontro-ezami l-attur xehed (fol. 231):

*"Dr Chris Cilia: Jigifieri anki meta inti qbizt il-pagament u mar isaldah Mario Vella, inti irrifondejtu dak li hallas Mario?*

*Ix-xhud: Iva ghaliex jiena skond il-karti ta' Target Trading dejjem emmint li kelli nhallas dak l-ammont. Issa ha nkompli nghid kif graw l-affarijiet. Wara li waqaft Mario Vella kien gibidli l-attenzjoni ghaliex m'ghadnix inhallsu u jiena ghidtlu li l-ewwel haga kelli niccekja ghaliex kelli xi haga standing order ghaddejja dak iz-zmien u wara imbaghad ghidtlu li ma kienx baqghali x'naghtih. Xi ftit zmien wara nircievi ittri minghand l-avukat ta' Mario Dr Cilia u mort* ***inkellem lill-avukat tieghi Dr Naudi u x'hin spjegajtlu u wrejtu dawn l-affarijiet huwa qalli li dan il-kont ma kellix inhallsu ghaliex ma kinitx xi haga li kelli nhallasha jien****"*.

Pero' l-avukat li tah il-parir u ddefendih f'din il-kawza, ma kienx involut fil-ftehim li sar bejn il-kontendent f'Novembru 2001. Il-parir tal-avukat kien bazat fuq dak li fehem hu mill-kuntratt iffirmat fit-22 ta' Novembru 2011.

Iktar 'il quddiem fl-istess seduta, l-attur qal (fol. 233):

*"Dr Chris Cilia: Jigifieri jekk inti jekk ghamilt xi zball ma kienx zball ta' fatt ghaliex inti fil-fatt kont taf illi l-ftehim li kellek ma' Mario Vella kien li dawn il-Lm118 fix-xahar*

*anki tieghu tkompli thallashom int, ghax Target Trading hadtha inti u dak il-loan ta' Lm18,000 hadtuh biex inaqqas l-overdraft ta' Target Trading?*

*Ix-xhud: Ma naqbilx mieghek ghax f'din il-kawza li ghandna kien hemm kaz fejn* ***ahna kellna ftehim quddiem in-nutar Roland Wadge <u>fejn jiena m'accettajtux</u> u go dak l-agreement kien hemm dan il-Lm118. Jiena m'accettajtx li dik il-Lm118 tigi tieghi***.

*Dr Chris Cilia: Mela ghalfejn hallastha dak iz-zmien?*

*Ix-xhud:* ***Ghaliex kienu djun ta' Target Trading Limited lil shareholders loan kemm lili u kemm lil Mario.***

*Dr Chris Cilia: Allura ghalfejn kont qed thallashom?*

*Ix-xhud:* ***Ghax kienu shareholders loans fil-kumpannija Target Trading Limited.***

*Dr Chris Cilia: Mela allura llum ghalfejn qed titlobhom lura?*

*Ix-xhud:* ***Ghax jiena sirt naf dawk ma kienux djun ta' Target Trading Limited wara li spjegawli certu affarijiet".***

Il-qorti tosserva li:

- L-attur ma ressaq l-ebda prova dokumentarja jew xhud li effettivament wara l-ftehim tat-22 ta' Novembru 2001 kien gie suggerit ftehim iehor li kellu jwassal biex jibda jhallas Lm118 fix-xahar, li l-attur m'accettax. Ir-raguni tghidlek li kieku kien hemm xi tentattiv li jsir ftehim f'dak is-sens u ma giex accettat, l-attur ma kienx idum sentejn jaghmel pagamenti fil-kont tas-self li l-konvenut kellu mal-bank. Kien hemm xejn inqas minn hamsa u ghoxrin (25) pagament li sar.

- Dwar il-pagamenti ta' Lm118 li kienu jsiru kull xahar, fil-kotba tal-kummerc ta' Target Trading Limited kien qieghed jigi ddikjarat li qeghdin isiru minnha (ara dokument a fol. 20). Fil-fatt l-attur stess xehed, *"Nesebixxi* ***estratt mill-kotba tal-kumpannija Target Trading*** *li fiha juru l-pagamenti kollha illi jiena ghamilt lil Mario Vella, li jirrigwardaw is-shareholders loan account. Kif jidher minn dan l-istatement, l-ahhar pagament kien fl-1 ta' Dicembru 2003. Dan kien l-ahhar pagament biex l-account jinghalaq"* (fol. 17).

- L-attur stess jikkonferma li wara l-ftehim baqghu jsiru hlasijiet fil-kont tal-konvenut, ghaliex dak kien dejn tal-kumpannija. Kumpannija li bil-ftehim ghaddiet f'idejh. Ghalkemm imbaghad xehed li ma komplix ihallas ghaliex wara sar jaf li dak ma kienx dejn ta' Target Trading Limited, il-provi juru mod iehor. L-attur lanqas

ma spjega ghalfejn *"ma kinux djun ta' Target Trading Limited…."*, meta mill-kotba stess tal-kumpannija rrizulta li kienu.

v. Kif sewwa qalet l-ewwel qorti, wara l-kuntratt tat-22 ta' Novembru 2001, kien hemm pagamenti li saru minn Target Trading Limited (ara rendikont tal-*loan account* tal-konvenut, fol. 76-79). F'kull kaz hu irrilevanti minn fejn kienu gejjin il-flus li bihom kien qieghed jithallas id-dejn li l-konvenut kellu mal-bank. Id-dejn kien ta' Target Trading Limited, u bil-hlasijiet li saru l-attur kien qieghed jizgura li jitwettqu l-obbligi ta' Target Trading Limited. Il-fatt li seta' kien hemm xi pagamenti li saru mill-attur, ma jfissirx li saru bi zball. L-attur kien jaf x'qieghed jaghmel, cjoe' li kien qieghed ihallas dejn tal-kumpannija li bil-ftehim ta' Novembru 2001 kienet ghaddiet taht il-kontroll tieghu. Tant hu hekk li fir-records tal-kumpannija kien qieghed inizzel il-pagament li ta kull xahar kien qieghed isir.

vi. L-attur xehed ukoll li l-pagamenti kien qieghed jaghmilhom hu. Pero' minn statement tal-kont tal-bank li fih kien qieghed isir il-pagament ta' Lm118 kull xahar, jirrizulta li pagamenti saru fuq ordni ta' Target Trading Limited jew Target I T Limited (fol. 75-79). **Isem l-attur ma jissemma mkien**. F'paragrafu 13 tar-rikors tal-appell l-attur semma zewg ragunijiet ghalfejn l-ewwel qorti kienet zbaljata meta kkonkludiet li l-hlas kien qieghed isir minn Target Trading Limited. Fil-fehma tal-qorti dak li qal l-attur f'paragrafu (a) mhu xejn ghajr supposizzjoni. F'paragrafu (b) ghamel riferenza ghal *Liquidation Accounts* ta' Target Trading Limited ghall-perjodu li ghalaq fil-31 ta' Dicembru 2002, prova li ma jidhirx li hemm fl-atti. Inoltre, l-ahjar prova li l-hlasijiet kienu qeghdin isiru minn Target Trading Limited, huma r-records taghha stess, cjoe' *"Shareholders Loan Account – Mario Vella"* (fol. 20). *Records* li kien izomm l-attur stess minn fejn jirrizulta li wara l-kuntratt ta' Novembru 2001, Target Trading Limited kienet qeghda kull xahar thallas Lm118 fil-kont tas-self li l-konvenut kellu ma' Mid-Med Bank. F'kull kaz ma kien hemm xejn x'izomm lill-attur milli jhallas id-dejn tal-kumpannija. Jekk ghal grazzja tal-argument kien hemm xi pagamenti li saru mill-attur, waqt il-hlas kien ben konsapevoli li qieghed ihallas dejn ta' Target Trading Limited. L-attur stess xehed li wara il-ftehim ta' Novembru 2001, baqa' jhallas, *"Ghaliex kienu djun ta' Target Trading Limited lil shareholders loan kemm lili u kemm lil Mario"* (fol. 234). Ma jistax wara jippretendi li l-hlas sar bi zball ghaliex inghata parir legali dwar dak li kien hemm fil-kuntratt tat-12 ta' Novembru 2001. L-attur stess xehed:

*"Dr Chris Cilia: Imma inti kont taf li l-ftehim kien li dak kellek tkompli thallsu int?*

*Ix-xhud:* ***Jiena fil-fatt skond il-kotba hallast****"* (fol. 232).

**Konkluzjoni**: il-qorti m'ghandhiex dubju li l-pagamenti li saru, irrispettivament minn min ghamilhom, ma sarux bi zball. Bihom thallas id-dejn li kellha Target Trading Limited fil-konfront tal-konvenut, u li bil-ftehim ta' Novembru 2001 ghaddiet taht il-kontroll assolut tal-attur.

**Ghal dawn il-motivi ghalkemm ghal raguni differenti minn dik li tat l-ewwel qorti, tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.